# It-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu

**Solennità – Quddiesa tas-Sebħ**

## Qari I

*Arah ġej is-Salvatur tiegħek.*

Is 62, 11-12

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

11 Araw, il-Mulej isamma' leħnu sa truf l-art:
«Għidu lil bint Sijon:
Arah, ġej is-salvatur tiegħek!
Arah bil-prezz f'idu u l-ħlas quddiemu.
12 U jibdew isejħulhom Poplu qaddis,
il-Mifdijin tal-Mulej.
U lilek isejħulek l-Imfittxija,
il-Belt qatt abbandunata.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 96 (97), 1.6. 11-12

R/. Illum jiddi fuqna d-dawl, għax twildilna l-Mulej

[1]Il-Mulej isaltan! Ħa taqbeż l-art bil-ferħ,
u jifirħu l-ħafna gżejjer!
[6]Ixandru s-smewwiet il-ġustizzja tiegħu;
jaraw il-popli kollha s-sebħ tiegħu. R/.

[11]Ifeġġ id-dawl fuq il-ġust,
u l-hena għal qalb in-nies sewwa.
[12]Ifirħu, ġusti, fil-Mulej,
u faħħru l-isem qaddis tiegħu. R/.

# Qari II

*Hu salvana minħabba fil-ħniena tiegħu.*

Tit 3, 4-7

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Titu**

Għażiż, [4]meta feġġet it-tjieba ta' Alla, Salvatur tagħna,
u l-imħabba tiegħu għall-bnedmin,
[5]hu salvana bil-ħasil ta' twelid ġdid u t-tiġdid tal-Ispirtu s-Santu,
mhux minħabba l-opri tajba li stajna għamilna aħna,
iżda minħabba l-ħniena tiegħu.
[6]Dan l-Ispirtu hu xerrdu bil-kotra fuqna
b'Ġesù Kristu, is-Salvatur tagħna,
[7]biex bis-saħħa tal-grazzja tiegħu
nitqaddsu u nsiru werrieta tal-ħajja ta' dejjem
skont it-tama li għandna.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Lq 2, 14

Hallelujah. R/. Hallelujah
Glorja lil Alla fl-ogħla tas-smewwiet,
u sliem fl-art lill-bnedmin li jogħġbu lilu.
R/. Hallelujah

## Evanġelju

***Sabu lil Marija u lil Ġużeppi u t-tarbija.***

Lq 2, 15-20

**✠ Qari mill-Evanġelju skont San Luqa**

15 Meta mbagħad l-anġli ħallewhom u telgħu s-sema, ir-rgħajja bdew
jgħidu lil xulxin: «Ejjew immorru Betlehem ħa naraw x'ġara kif
għarrafna l-Mulej.»

16 Marru mela jgħaġġlu, u sabu lil Marija u lil Ġużeppi bit-tarbija
mimduda f'maxtura. 17 Kif raw dan, bdew jgħarrfu b'kull ma kien
intqal lilhom dwar dik it-tarbija, 18 u kull min semagħhom baqa'
mistagħġeb b'dak li qalulhom ir-rgħajja.

19 Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ
kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha.

20 Ir-rgħajja mbagħad reġgħu lura, isebbħu u jfaħħru lil Alla għal kull
ma kienu raw u semgħu, kif l-anġlu kien qalilhom.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu